IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 21

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) il-Ħamis 28 ta' Mejju 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija

Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija.

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 21 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

**21.3 Korrispondenza**

21.3.1 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Onor. Deo Debattista sabiex il-latrina tal-Fortini tiġi rinovata.

21.3.2 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Onor. Deo Debattista sabiex issir laqgħa miegħu fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

21.3.3 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Ministru l-Onor. Byron Camilleri dwar il-Pulizija fil-komunità.

21.3.4 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Ministru l-Onor. Julia Portelli rigward il-Proġett tal-pavimentar tal-Pjazza. Għal din l-ittra waslet risposta li s-Sindku flimkien mal-kunsilliera, kienu mistiedna għal laqgħa mal-Ministru nhar il-Ħamis 4 ta’ Ġunju 2020 sabiex jiġi diskuss dan il-proġett.

21.3.5 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Prim Ministru ta’ Malta Dr.Robert Abela dwar id-diżapprovazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu għad-dar li se ssir fi Triq Kan. Alwiġ Fenech għar-rijabilitazzjoni tal-ħabsin mill-Fondazzjoni Mid-Dlam għad-Dawl. Din l-ittra ntbagħtet b’approvazzjoni tal-kunsilliera kollha. Għal din l-ittra kien hem biss korrispondenza lura mis-sinjura Romina Borg, segretarja privata tal-Prim Ministru li din l-ittra waslet.

21.3.6 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Ministru l-Onor. Roderick Galdes dwar id-diżapprovazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu għad-dar li se ssir fi Triq Kan. Alwiġ Fenech għar-rijabilitazzjoni tal-ħabsin mill-Fondazzjoni Mid-Dlam għad-Dawl. Din l-ittra ntbagħtet b’approvazzjoni tal-kunsilliera kollha. Il-kunsill kiteb ukoll fl-ittra dwar in-nuqqas ta’ manutenzzjoni ta’ appartamenti tal-Gvern fil-Birgu.

21.3.7 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Ministru l-Onor. Dr. Michael Farrugia dwar meta ser jitkompla l-proġett tal-wires tal-elettriku fiż-żona tal-Collacchio sabiex dawn jgħaddu minn taħt l-art kif suppost kellu jkun. Il-Ministru wieġeb li f’dan il-proġett kien qed ikun hemm xi problemi ta’ nuqqas ta’ koperazzjoni mir-residenti. Għaldaqstant is-Sindku wieġeb lura permezz ta’

ittra fejn qal li din mhix skuża aċċettabli u għalhekk dan il-proġett kellu jitkompla fl-immedjat. Is-Sindku qal li tqassmet karta f'kull triq fil-Collachio sabiex jinforma lir-residenti li dan ix-xogħol se jitkompla filwaqt li jinfurmaw lill-Kunsill min għad għandu s-supply tad-dawl mill-wires ta' mal-faċċati u mhux minn taħt l-art.

21.3.8 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Ministru Ian Borg dwar kif il-Kunsill Lokali tal-Birgu qed jiġi redikolat fuq il-Proġett ta' Sally Port (it-Toqba). Din l-ittra ntbagħtet wara risposta xotta li rċieva l-kunsill mill-Ministru Ian Borg stess dwar dan il-proġett.

21.3.9 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lis-Sindku ta' Parisot fi Franza dwar il-ġemellaġġ bejn iż-żewġ kunsilli sabiex jinforma lill-Kunsill ta' Pariso li dan il-ġemelleġġ ġie approvat mill-Awtoritajiet Maltin. Is-Sindku ta' Parisot laqa' bil-ferħ din l-ittra u saħaq li kif tgħaddi l-pandemija tal-Covid-19, isir l-iffirmar fiż-żewġ lokalitajiet.

21.3.10 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-idea ta' Lokalitajiet Sostenibbli fejn diversi toroq jew pjazza fir-raħal jew belt, tingħalaq għat-traffiku u tkun żona pedonali biss. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu, bl-approvazzjoni tal-kunsilliera qablu li nhar ta' Ħadd, il-Pjazza tal-Birgu għandha tkun żona pedonali u għar-rikreazzjoni.

21.3.11 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lil-Viċi-Sindku ta' Vignanello dwar l-idea li dan il-vilaġġ jixtieq jagħmel l-attività tal-candlelight fl-istess ġurnata li ssir dik tal-Birgu u tkun imxandra LIVE. Il-viċi-sindku talab ukoll sabiex jintbagħtu ritratti tal-bnadar tal-Birgu li jitwaħħlu fit-toroq tal-Birgu matul din l-attività peress li Vignanello tħajjru li jagħmluhom ukoll.

21.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Josman Delmar mill-Uffiċċju tat-Taxxa fejn informa lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li l-aħħar bilanċ li kien jonqos jitħallas kien ta' €343.21. B'hekk il-kunsill onora l-ftehiem kollu sabiex jitħallas l-iżbilanċ li kien hemm fil-kontijiet tat-taxxa.

21.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Agatino Celisi sabiex jinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li ġie magħżul għall-proġett tal-ERASMUS+ f'Villafranca fl-Italja. Dan jikkonsisti f'Advance Planning Activity u Youth Exchange ta' 5 żgħażagħ u group leader. Il-Kunsill bagħat risposta lura li jaċċetta li jkun sieħeb f'din l-attività.

21.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Roberta Mallia sabiex timtela' u tiġi ffirmata l-Construction Notification Form għar-restawr li se jsir fuq il-faċċati ta' wara tal-Berġa ta' Franza.

21.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Inġinier Pierre Cassar mill-Water Services Corporation sabiex tkompli l-ħidma u jiġi identifikat il-post fejn hemm il-ħsara u qed jimtela' l-ġibjun ta' taħt il-Pjazza tal-Birgu.

21.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mitja Bukovec dwar il-proġett ta' ERASMUS+ KA3 YET. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu applika sabiex jieħu sehem f'dan il-proġett.

21.3.17 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lis-Sinjura Dorianne Ciantar, segretarja tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-interess tas-Sindku sabiex jattendi għas-smiegħ dwar il-proposta biex tinbena d-dar tal-anzjani l-Fortini.

21.3.18 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta lis-Sur Michael Cohen, konsulent għal Transport Malta, sabiex isir *Traffic Calming Measurement* fi Triq San Dwardu minħabba s-sewqan eċċessiv li qed isir f'din it-triq. Is-Sur Cohen bagħat risposta lura li se jkun qed jaħdem fuq din il-proposta.

21.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-assoċjazzjoni AVEC dwar il-miżata ta' €500 li jonqos titħallas mill-Kunsill Lokali tal-Birgu għas-sena 2020.

21.3.20 Preżentata korrispondenza mis-Sindku mibgħuta mill-Onor. Glenn Bedingfield dwar il-Working Plan 2020-2021 tal-Fondazzjoni Kottonera. Fost il-proġetti ta' restawr, il-Birgu se jkollu; ir-restawr tal-faċċati ta' wara tal-Berġa ta' Franza, l-istatwa ta' San Lawrenz tal-Pjazza u l-parti ta' fuq ta' Notre Dame Gate għas-sena 2020 u parti minn St.Margerita Lines u l-Berġa tal-Ingilterra għas-sena 2021. Is-Sindku John Boxall kien preżenti wkoll għal-laqgħa tal-fondazzjoni li saret il-Ħamis 14 ta' Mejju, 2020.

21.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Corinne Buhagiar, kunsillier tal-Kunsill Lokali tal-Isla dwar il-proġett Nextbike Cottonera Project 2020. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess li jipparteċipa.

21.3.22 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Eman Zerafa, President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi sabiex jitlob lill-kunsill permess biex issir tombla fit-triq għar-residenti minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti tal-pajjiż. Is-Sindku

flimkien mal-kunsilliera qablu fuq din it-talba iżda kiteb li għandhom jinżammu l-ħinijiet kif mifthema, jiġifieri bejn il-5:00pm u 7:30pm nhar is-Sibt 16 ta' Mejju 2020 u li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa skont id-direttivi tal-awtoritajiet tas-saħħa.

21.3.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Marcella Agius sabiex tintbagħat kopja tal-agreement li sar bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u Green MT. Is-Sur Anton Gellel qal li jkun tajjeb jekk fejn Mifsud Garage jinġieb bin ieħor abjad sabiex jintrema l-kartun tal-ħwienet.

21.3.24 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Jason Micallef, Chairman tal-Valletta Cultural Agency bħala ringrazzjament tal-pjanti li ngħataw lill-Kunsill Lokali tal-Birgu wara l-attività tal-infjorata li saret fil-Belt Valletta.

21.3.25 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Sixth Energy Malta dwar il-'Local Council Performance Report For Year 2019' li jrid jimtela' sabiex tinġabar informazzjoni dwar ħames (5) indikaturi deskritti fid-dokument 'A Benchmark for National Performance Indicators' li ġie mgħoddi lill-kunsilli lokali fl-2019.

21.3.26 Preżentata r-riżenja tal-iskrivana 'part-time' Ingrid Scerri mill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

21.3.27 Preżentata quotation tal-armarju tal-injam fid-daħla ta' qabel l-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-quotation kienet ta' €1888 bil-VAT inkluż. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li dan ix-xogħol isir.

21.3.28 Preżentata quotation għall-appliances tad-dawl fil-kamra t'isfel, oppost il-front office. Il-quotation kienet ta' €1105 inkluż il-VAT mill-kumpanija Hydrolectric. Is-Sindku u l-kunsilliera qablu li jsir dan ix-xogħol sabiex tkun kompluta din il-kamra wkoll mir-restawr.

21.3.29 Preżentata korrispondenza mis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informa lill-kunsill li rċieva korrispondenza mis-Sur Ryan Borg, Kap tas-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji sabiex jinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li waslet talba mis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz sabiex il-kera ta' parti mill-garaxx tal-kunsill f'Tal-Ħawli fejn hemm maħżun il-planċier tal-banda, tiġi sospiża sakemm tgħaddi l-pandemija tal-COVID-19 minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja ta' din l-organizzazzjoni volontarja. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera ma qablux ma' din it-talba.

21.3.30 Preżentata korrispondenza mill-Perit Mark John Scicluna sabiex jiġu ffirmati l-aħħar karti finali sabiex jingħata l-permess biex fuq il-bejt kollu tal-Berġa ta' Franza jkunu jistgħu jiżdiedu l-pannelli. Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-bejt kellu bżonn manutenzzjoni għaliex partijiet mill-membrane kienu qed jintefħu u dan kien qed jikkawża aktar ħsara flok ġid lis-saqaf. Dan huwa meqjus bħala xogħol urġenti qabel ma jiġu installati l-panelli l-ġodda.

**21.4 Riżultat tal-Interviews għas-sejħa ta' Skrivan/a full-time**

Is-Sindku informa lill-kunsilliera kollha li kienu waslu c-CVs b'relazzjoni għal din is-sejħa, saru l-interviews mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u ntgħażlet persuna waħda li iżda din irrifjutat it-talba biex tibda taħdem il-Kunsill Lokali tal-Birgu wara li sabet opportunità aħjar. Is-Sindku informa lill-kulħadd li ser terġa' tintbagħat email lil JobsPlus sabiex terġa' ssir is-sejħa.

**21.5 Tkomplija tal-proġett tal-wires tad-dawl tat-toroq**

Is-Sindku informa lill-kunsilliera kollha li dan il-proġett ser ikompli wara korrispondenza sħiħa u diretta mal-Ministru l-Onor. Michael Farrugia. (Ara wkoll punt 21.3.7 fil-korrispondenza)

**21.6 Birgufest 2020**

Għal darb' oħra ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-attività tal-Birgufest 2020 wara diskussjoni sħiħa f'din il-laqgħa u laqgħat oħra preċedenti tal-kunsill. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li għalissa għandna nagħtu ċans sabiex wieħed jara dak li ser jiġi f'attivitajiet oħra kbar tal-massa f'dak iż-żmien li ssir il-Birgufest.

**21.7 Bidu ta' xogħol tal-faċċati ta' wara tal-Berġa ta' Franza.**

Is-Sindku informa lill-kunsilliera li beda x-xogħol fuq il-faċċati ta' wara tal-Berġa ta' Franza. Is-Sindku qal li waslu xi ilmenti mir-residenti minħabba storbju waqt xi xogħol li beda jsir filgħodu kmieni. Is-Sindku qal li x-xogħlijiet se jibdew mhux qabel is-7:00am sabiex jiġu evitati ilmenti oħrajn.

**21.8 Publikazzjoni ta' Tender għal xogħlijiet ta' imprint concrete**

Is-Sindku qal li għandu jinħareġ tender sabiex isir xogħol ta' imprint concrete f'diversi toroq u daħliet żgħar fil-Birgu kif kien diskuss ukoll f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera qablu ma' dan is-

suġġeriment. Għaldaqstant, is-Sindku kellu jinforma lill-Perit tal-kunsill sabiex jiġi mħejji dan it-tender sabiex ikun jista' jinħareġ.

**21.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5444 sa BOV 5464. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda ta' Pagamenti datata 4 ta` Mejju 2020 sat-28 ta` Mejju 2020.

**21.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7.30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 22 ta` Ġunju 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati illum: **22 ta' Ġunju 2020.**

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |